MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 1871/1999/1

**Ivan Cassar**

**Vs**

**Donald Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni sofferti mill-attur Ivan Cassar rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilisiku tal-25 ta' April 1999, fi Triq l-Ilqugh, Swieqi bejn il-vettura numru BBG 091 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru AAI 083 misjuqa mill-attur Ivan Cassar u propjeta' tal-istess Ivan Cassar, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju, 1999, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment ma l-avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li d-danni ma jeccedux l-Lm1,000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (Fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi ghall-incident meritu tal-kawza, l-eccipjent ma kellu l-ebda htija.
2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif xehed <u>PS 621 Pierre Calleja</u> (fol 11 et seq ibid) hu ma kienx mar fuq il-post tal-incident in vista li l-partijiet involuti kienu marru fl-Ghassa tal-Pulizija sabiex jirraportaw dan il-kaz. Ghalhekk ix-xhud seta' jesebixxi, biss, kopja ta' dan ir-<u>rapport</u> (fol 16 et seq ibid). Mill-istess xhieda jigi notat illi <u>l-attur kien ta mhux versjoni wahda izda ohra li kienet temenda u tbiddel l-ewwel wahda</u>. Difatti a fol 17 tal-atti hemm imnizzel illi <u>l-attur</u> kien stqarr, originarjament , illi "… <u>he was about to exit his van and had the door of the van ajar when all of a sudden</u> ……" Sussegwentement, hu kien biddel din l-istqarrija billi qal "….. he had <u>exited</u> his vehicle and was about to close same door". Daparti tal-<u>konvenut</u> dan kien starr max-xhud "… he was driving along and all of a sudden he heard a thumping noise and noticed that he hit the door of van …".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi Pierre Muscat li kien fl-istess ‘van’ numru AAI 083 u misjuq mill-attur spjega meta xehed (fol 13 et seq ibid) illi l-attur kien ipparkegga ‘kif suppost’, mal-bankina, l-vettura misjuqa minnu. Hawnhekk l-attur hareg mill-istess vettura u beda jitkellem max-xhud billi ‘… kellu l-bieba tal-istess van taht idu ….’ liema bieba “… kienet ftit imbexxqa’. Inoltre l-attur kien ‘ la genba …… u bil-wieqfa’. Kif kien qed jigri dan, giet karozza ohra minn wara misjuqa mill-konvenut u laqtet l-istess bieba li tghawwget. Dwar dan ix-xhud, fi kliemu stess, qal “Ma nistax nispjega kif ma laqatx lil Ivan Cassar’. Dwar l-istess bieba, in kontro ezami, ix-xhud semma’ li din ‘kienet kwazi maghluqa’ waqt li saqajn l-attur ‘…… kienu it-tnejn, fuq it-‘tarmac’ u ‘idu tax-xellug kienet ukoll kwazi gewwa il-van’.

Illi l-attur (fol 23 et seq ibid) waqt li ddeskriva t-triq fejn gara l-incident bhala wahda ‘wiesa’ kompla biex jghid illi hu kien ipparkegga l-‘van’ misjuq minnu mal-bankina b’vetturi ohra weqfin kemm quddiem kemm warajh. Waqt li hu u siehbu kienu qed jitkellmu ma xulxin, hu nizel mill-istess van. Dwar dan hu ‘semma’ illi ‘…. Kelli l-bieba taht idi’ fis-sens illi ‘…. Kelli idi wahda, cjoe dik tax-xellug kienet fuq is-saqaf waqt li idi tal-lemin kienet tistrih fuq il-bieba miftuha tal-van tieghi’ u illi ‘ Iz-zewg saqajn tieghi kienu fuq it-triq u kif ukoll ‘jiena kont … bejn il-bieba u l-van fuq il-left tieghi”. Kif kien ghadu qed jitkellem ma siehbu li ien fil-van u f’dik il-posizzjoni li hu ddeskriva, ghaddiet il-vettura misjuqa mill-konvenut ‘u haditli l-bieba minn taht idi’ u ‘…. Inbarxiet idi wkoll’. Hawnhekk l-attur allega ukoll illi l-konvenut kien qed jeikol pizza, waqt l-incident. Bhala konsegwenza tal-istess incident il-bieba in kwistjoni giet mibruxa u tghawwget skond kif risultanti miz-zewg ritratti esebiti a fol 28 tal-atti.

Inoltre hu allega illi hu kien ta’ l-istess versjoni lill-Pulizija bhal dik risultanti mix-xhieda tieghu. Pero hu kien skopra, meta kien ra r-rapport, hu sab li l-versjoni tieghu kif mnizzla ma kienetx tirrispekkja dak li kien qal lill-Pulizija u b’hekk kien mar jitkellem mal-istess Surgent involut u kien informah dwar dan.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 35 et seq ibid) beda biex jghid illi hu kien qed jsuq fuq 'the proper side of the road' u kien innota illi fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm karrozzi parkeggati '.. pero ma nnutajtx b'mod partikolari dik involuta'. Pero kif kien ghaddej, '… f'daqqa wahda smajt 'bum' u , wara, skopra illi l-persuna l-ohra, cjoe l-attur, kienet laqtitu fuq quddiem '….. billi fethet il-bieba tal-karozza taghha tan-naha tax-xufier'. In rigward l-attur ma kienx ra xi dmija fuqu u filfatt seta' jghid '… li l-iehor ma missejtu xejn'. Fl-ahharnett, hu semma' li kien minnu li kellu pizza fil-karozza tieghu pero' ma kienx minnu illi kien qed jiekol waqt is-sewqan.

Ikkunsidrat

Illi rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti bejniethom dwar il-'facts at issue', il-Qorti analizzat il-provi kollha bir-reqqa sabiex tara jekk l-attur irnexxielux jipprova dak li qed jallega skond l-avviz fil-konfront tal-konvenut (ara l-artikolu 562 tal-kapitolu 12 tal-Ligijet ta' Malta).

Dwar dan il-Qorti rat is-segwenti:-

1) Ma ghandux jkun hemm ebda dubbju illi l-istess attur kien ta zewg versjonijiet tal-fatti in esami lis-Surgent tal-Pulizija 621 Pierre Calleja. Dan il-fatt jidher car kemm mix-xhieda tal-istess pulizija kemm mill-kopja tar-rapport gja imsemmija u li ghaliha di gja saret referenza. Dan il-fatt, wahdu, jitfa' dell ikrah fuq il-kredibilita tal-istess attur.
2) L-attur iddeskriva, dettaljatament, il-posizzjoni tieghu u tal-bieba milquta meta gara l-incident in esami u dwar dan il-Qorti ssibha difficli li temmen dak li xehed l-attur in vista li, kieku l-incident gara kif deskritt minnu, hemm probabilta' kbira illi l-attur, stess, kien jintlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Dwar dan il-punt, l-attur semma li bata xi ferita hafifa fuq idu l-leminija. Pero fl-istess rapport ma hemm ebda accenn ghal din il-ferita.

Illi fid-dawl tal-premess jidher probabbli illi dak li xehed l-attur ma jirrispekkjax dak li verament gara f'dan il-kaz u

ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda minhabba li l-attur ma irnexxielux jipprova dak li allega fil-konfront tal-konvenut, b'tali mod li seta' jikkonvinci l-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------